Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12864/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0349 (NLE)**

PECHE 384

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Ottubru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 678 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 678 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 678 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2018
COM(2018) 678 final

2018/0349 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim

MT MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fit-28 ta’ Frar 2007, daħal fis-seħħ Ftehim ta’ sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk[1]. L-aħħar Protokoll ta’ implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim[2] li daħal fis-seħħ fil-15 ta’ Lulju 2014, skada fl-14 ta’ Lulju 2018. B’mod aktar ġenerali, dan il-Ftehim ta’ Sħubija huwa parti mir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Marokk, kif jidher fil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra[3], li daħal fis-seħħ fl-2000. Il-Ftehim ifittex li jiżgura l-ġestjoni tajba u s-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd mil-lat ekoloġiku, ekonomiku u soċjali.

Abbażi tad-direttivi ta’ negozjati adottati mill-Kunsill[4], il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-gvern tal-Marokk bil-ħsieb li jiġi emendat il-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, u li jkun hemm qbil dwar Protokoll ta’ implimentazzjoni ġdid tiegħu.

Dawn in-negozjati u t-testi li jirriżultaw minnhom iqisu bi sħiħ is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta’ Frar 2018 dwar il-kawża C-266/16[5] li ddeċidiet li l-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tiegħu ma kinux japplikaw għall-ilmijiet tal-madwar tat-territorju tas-Saħara tal-Punent. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u f’konformità max-xewqa taż-żewġ Partijiet, in-negozjati setgħu għaldaqstant jinkludu dan it-territorju u l-ilmijiet tal-madwar fil-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd, għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, minn perspettiva ekonomika huwa importanti li l-flotta tal-Unjoni twettaq l-attivitajiet tas-sajd tagħha, inkluż f’dawn l-ilmijiet, f’qafas ġuridiku sikur fejn l-ambitu ġeografiku jkun definit b’mod ċar. Huwa previst ukoll li dan it-territorju u l-popolazzjoni tiegħu jibbenefikaw mill-impatti soċjoekonomiċi tal-Ftehim b’mod proporzjonali għall-attivitajiet tas-sajd, partikolarment fir-rigward tal-iżbark tal-qabdiet mill-flotta tal-UE, l-impjieg tal-baħħara, l-investimenti u azzjonijiet oħra ta’ appoġġ fis-settur, li huma possibbli bis-saħħa tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista mill-Protokoll tal-Ftehim dwar is-Sajd. Barra minn hekk, ta’ min jinnota li l-Ftehim seta’ jiġi konkluż biss mar-Renju tal-Marokk li jamministra dan it-territorju (almenu l-iktar parti importanti), peress li l-ebda entità oħra ma setgħet tiżgura l-użu sostenibbli ta’ dawn ir-riżorsi, kif ukoll il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-fondi ta’ appoġġ settorjali għall-benefiċċju tat-territorju tas-Saħara tal-Punent u tal-popolazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, il-proposta rigward Ftehim ġdid u Protokoll ġdid tirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni. L-Unjoni tenniet b’mod konsistenti l-impenn tagħha tas-soluzzjoni għat-tilwim dwar is-Saħara tal-Punent u tappoġġa l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-persunal tiegħu mibgħut biex jgħin lill-Partijiet jaslu għal soluzzjoni politika ġusta, sostenibbli u aċċettabbli b’mod reċiproku. B’rabta ma’ dan, l-iskambju ta’ ittri dwar din il-proposta jfakkar il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tas-Saħara tal-Punent.

---

1 ĠU L 141, 29.05.2006, p. 1; ĠU L 78, 17.03.2007, p. 31.

2 ĠU L 328, 7.12.2013, p. 2; ĠU L 228, 31.7.2014, p. 1.

3 ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

4 Adottat fis-16 ta’ April 2018 waqt it-3612-il sessjoni tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd.

5 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta’ Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU :C :2018 :118.

Wara diversi sessjonijiet tan-negozjati, it-testi li kienu s-suġġett ta' Ftehim bejn in-negozjaturi, jinkludu l-Ftehim innifsu li jistabbilixxi Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim dwar is-Sajd") u li jissostitwixxi l-Ftehim tal-2007, Protokoll ta' implimentazzjoni ġdid, Anness u Appendiċijiet, kif ukoll skambju ta' ittri. Dawn it-testi ġew inizjalati fl-24 ta' Lulju 2018.

Il-Protokoll ikopri perjodu ta' erba' snin mid-data ta' applikazzjoni tiegħu li hija stabbilita bl-Artikolu 16 tiegħu. Il-Ftehim il-ġdid dwar is-sajd iħassar il-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2007. Jipprevedi l-possibbiltà ta' applikazzjoni proviżorja qabel il-konklużjoni tiegħu; madankollu, ma jitqiesx neċessarju li tiġi proposta applikazzjoni proviżorja. L-għan tal-Ftehim il-ġdid hu li jiġu riflessi l-prinċipji tar-riforma tal-2009: governanza tajba fir-rigward tas-sajd u sostenibbiltà, rispett għad-drittijiet tal-bniedem, trasparenza u nondiskriminazzjoni. L-emenda tal-Ftehim hija meħtieġa wkoll biex tikkonforma mas-Sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Frar 2018 u biex tipprovdi l-bażi ġuridika għall-applikazzjoni tal-Ftehim għall-ilmijiet tal-madwar tat-territorju tas-Saħara tal-Punent.

Skont id-direttivi ta' negozjati, il-Ftehim jipprovdi garanziji marbuta ma' allokazzjoni ġeografika ġusta tal-benefiċċji soċjoekonomiċi, b'mod proporzjonali għall-attivitajiet tas-sajd, li jirriżultaw mill-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Ftehim (jiġifieri kemm il-kumpens finanzjarju għall-aċċess, għall-appoġġ settorjali u l-imposti mħallsa mis-sidien tal-bastimenti). Dawn il-garanziji jinkludu, b'mod speċjali, il-monitoraġġ tal-allokazzjoni ta' dawn il-fondi u l-użu tagħhom, li l-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim huwa prinċipalment responsabbli minnhom, u li fi ħdanu jkunu rrappreżentati ż-żewġ Partijiet. Barra minn hekk, hemm dispożizzjonijiet li jipprevedu li l-Marokk jipprovdi rapporti regolari dwar l-attivitajiet imwettqa skont dan il-Ftehim.

Fl-aħħar nett, din il-proposta hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Rapport dwar l-evalwazzjoni tal-benefiċċji għall-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, u dwar il-konsultazzjoni ma' dik il-popolazzjoni". Dan ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet potenzjali tal-Fehim u l-Protokoll tiegħu dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt fuq il-popolazzjoni kkonċernata u l-użu tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, kif ukoll sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni ma' dawn il-popolazzjonijiet, skont id-direttivi ta' negozjati li għamlu l-assoċjazzjoni ta' dawn il-popolazzjonijiet fattur deċiżiv fil-proċess tat-tiġdid tal-Ftehim dwar is-Sajd.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-għan prinċipali tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll il-ġdid tiegħu hu li permezz ta' sħubija, jiġi stabbilit sajd sostenibbli u li jingħataw opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd definita fil-Ftehim dwar is-Sajd. L-opportunitajiet offruti huma bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u, għas-sajd ta' speċijiet migratorji ħafna, jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Il-Protokoll il-ġdid iqis ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2014-2018) u ta' evalwazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet twettqu minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lir-Renju tal-Marokk isaħħu s-sħubija tagħhom sabiex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd u

biex jappoġġaw l-isforzi tar-Renju tal-Marokk li jiżviluppa l-ekonomija blu tiegħu. Dawn l-elementi huma koerenti mal-għanijiet u l-obbligi tal-politika komuni tas-sajd[6].

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għal 128 bastiment fis-sitt kategoriji:

– żewġ kategoriji ta' sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana: sajd pelaġiku bit-tartarun u bil-konz tal-qiegħ;

– sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar bil-qasba u x-xlief;

– sajd demersali fin-Nofsinhar bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bil-konz tal-qiegħ;

– sajd fuq skala żgħira għat-tonn bil-qasba;

– sajd pelaġiku industrijali bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku jew semipelaġiku u bit-tartarun tal-borża.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd sostenibbli mar-Renju tal-Marokk jaqa' fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u b'mod partikolari jqis l-għanijiet tal-Unjoni dwar ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem. Hija koerenti mal-pożizzjoni tal-Unjoni li tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-persunal tiegħu mibgħut biex jgħin lill-Partijiet jaslu għal soluzzjoni politika ġusta, sostenibbli u aċċettabbli b'mod reċiproku, li tkun tipprevedi l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fil-kuntest ta' arranġamenti konformi mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbiliti fir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet 2152 (2014), 2218 (2015), 2385 (2016), 2351 (2017) u 2414 (2018). Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-proċess politiku dwar l-istatus finali tas-Saħara tal-Punent.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(2) tiegħu jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, filwaqt li l-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu jistabbilixxi l-istadju kkonċernat tal-proċedura ta' negozjar u l-konklużjoni tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-komptenza eklużiva.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-għan li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stipulat fl-Artikolu 31 tar-Regolament dwar il-politika komuni tas-sajd. Tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tiegħu, kif ukoll ma' dawk dwar l-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi stipulati fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

[6] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll 2014-2018 tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni huma ppreżentati f'dokument ta' ħidma separat[7].

L-evalwazzjoni kkonkludiet li s-settur tas-sajd tal-Unjoni għandu interess qawwi fil-possibbiltà li jeżerċita l-attività tiegħu fiż-żona tas-sajd tal-Protokoll, u li t-tiġdid tal-Protokoll se jgħin biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza, u se jikkontribwixxi għat-titjib fil-governanza tas-sajd fir-reġjun.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tar-Renju tal-Marokk ġew ikkonsultati bħala parti mill-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal, kif ukoll konsultazzjonijiet mal-popolazzjonijiet ikkonċernati fis-Saħara tal-Punent mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), biex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jesprimu ruħhom dwar l-estensjoni tas-sħubija għall-ilmijiet tal-madwar tas-Saħara tal-Punent u li jibbenefikaw mill-impatti soċjoekonomiċi tal-Ftehim dwar is-Sajd b'mod proporzjonali għall-attivitajiet tas-sajd. Rapport tal-evalwazzjoni dwar il-benefiċċji għal dawn il-popolazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet imwettqa huwa mehmuż ma' din il-proposta bħala dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni. Ir-rapport jikkonkludi li l-impatti soċjoekonomiċi tal-Ftehim dwar is-Sajd se jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjonijiet ikkonċernati u li l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli tar-riżorsi naturali se jkun wieħed pożittiv. Bl-istess mod, il-partijiet soċjoekonomiċi u politiċi li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet kienu bla dubju favur il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd, anke jekk il-Front Polisario, kif ukoll partijiet oħra, irrifjutaw li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni minħabba raġunijiet ta' prinċipju. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-Kummissjoni, flimkien mas-SEAE, ħadet il-miżuri raġonevoli u possibbli kollha fil-kuntest attwali sabiex il-popolazzjonijiet kkonċernati jkunu involuti kif xieraq.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 37 000 000, li tiżdied kull sena biex fl-aħħar sena laħqet EUR 42 400 000 abbażi ta':

[7] https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/docs/publications/evaluation-report-morocco_fr.pdf
SWD(2018) 1 final : https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?qid=1535624240760&uri=CELEX:52018SC0001

a) kumpens finanzjarju għall-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni ta' EUR 19 100 000 għall-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-Protokoll, li żdied għal EUR 20 000 000 fit-tieni sena, u għal EUR 21 900 000 għat-tielet u r-raba' sena;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Renju tal-Marokk ta' EUR 17 900 000 għall-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-Protokoll, li żdied għal EUR 18 800 000 fit-tieni sena, u għal EUR 20 500 000 għat-tielet u r-raba' sena; Dan l-appoġġ huwa konformi mal-għanijiet tal-politika nazzjonali fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd kontinentali u marittimi tar-Renju tal-Marokk.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti ta' monitoraġġ huma previsti fil-Protokoll inkluż fil-Ftehim ta' sħubija ġdid.

2018/0349 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewroprew[8],

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li ġġedded b'mod taċitu,

(2) L-aħħar Protokoll li jimplimenta dan il-Ftehim u li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti f'dan il-Ftehim, skada fl-14 ta' Lulju 2018,

(3) Fis-Sentenza tagħha dwar il-Kawża C-266/16[9], bħala tweġiba għal domanda preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, il-Qorti ddeċidiet li la l-Ftehim u lanqas il-Protokoll tiegħu ma japplikaw għall-ilmijiet tal-madwar tas-Saħara tal-Punent,

(4) L-Unjoni ma tippreġudikax l-eżitu tal-proċess politiku dwar l-istatus finali tas-Saħara tal-Punent li jingħata taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, u ma waqfitx itenni l-impenn tagħha fir-rigward tas-soluzzjoni għat-tilwim dwar is-Saħara tal-Punent, elenkata bħalissa min-Nazzjonijiet Uniti fil-lista ta' territorji mhux awtonomi, u li llum parti kbira minnha hija amministrata mir-Renju tal-Marokk. Hija tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-persunal tiegħu mibgħut apposta biex jgħin lill-partijiet jaslu għal soluzzjoni politika ġusta, sostenibbli u aċċettabbli b'mod reċiproku, li tkun tipprevedi l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fil-kuntest ta' arranġamenti konformi mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbiliti fir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet 2152 (2014), 2218 (2015), 2385 (2016), 2351 (2017) u 2414 (2018),

(5) Huwa importanti li l-flotot tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom minn meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim jiġi ddefinit sabiex jinkludi l-ilmijiet tal-madwar tas-Saħara tal-Punent. It-tkomplija

[8] L-approvazzjoni ta' … (għadha ma tinsabx f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

[9] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Watch, C-266/16, EU :C :2018 :118.

tas-sħubija dwar is-sajd hija essenzjali wkoll sabiex jiġi żgurat li dan it-territorju jista' jkompli jgawdi mill-appoġġ settorjali pprovdut mill-Ftehim skont id-dritt Komunitarju u internazzjonali, u għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet lokali,

(6) Għal dan l-għan, fis-16 ta' April 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex twettaq negozjati mar-Renju tal-Marokk bil-ħsieb li jiġi emendat il-Ftehim u li jkun hemm qbil dwar Protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tiegħu. Wara n-negozjati, fl-24 ta' Lulju 2018 ġie inizjalat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (min hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar is-Sajd") magħmul minn Protokoll ta' implimentazzjoni ġdid, l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu, kif ukoll skambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim dwar is-Sajd,

(7) L-għan tal-Ftehim dwar is-Sajd huwa li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u lir-Renju tal-Marokk jaħdmu aktar mill-qrib fuq il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd definita fil-Protokoll, u li jiġu appoġġati l-isforzi tar-Renju tal-Marokk biex jiżviluppa s-settur tas-sajd, kif ukoll l-ekonomija blu. F'dan ir-rigward, jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

(8) Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt potenzjali tal-Ftehim dwar is-Sajd fuq l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji għall-popolazzjonijiet ikkonċernati u l-użu tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati,

(9) L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-Ftehim dwar is-Sajd għandu jkun ta' benefiċċju kbir għall-popolazzjonijiet tas-Saħara tal-Punent, minħabba l-impatt soċjoekonomiku pożittiv għal dawn il-popolazzjonijiet, b'mod partikolari f'termini ta' impjiegi u investiment, u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur tas-sajd u tas-settur tal-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd,

(10) Il-Ftehim dwar is-Sajd jirrappreżenta l-aħjar garanzija għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-ilmijiet tal-madwar tas-Saħara tal-Punent, peress li l-attività tas-sajd hija bbażata fuq l-aħjar pariri u rakkomandazzjonijiet xjentifiċi f'dan il-qasam u fil-forma ta' miżuri ta' monitoraġġ u kontroll xierqa,

(11) Wara li qieset il-kunsiderazzjonijiet stipulati fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ħadet il-miżuri kollha raġonevoli u possibbli fil-kuntest attwali ħalli l-popolazzjonijiet kkonċernati jiġu involuti b'mod xieraq, sabiex jiġi żgurat li l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-Ftehim dwar is-Sajd tiġi espressa u kkunsidrata. Twettqu konsultazzjonijiet fis-Saħara tal-Punent u fil-Marokk, u l-partijiet soċjoekonomiċi u politiċi li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet kienu bla dubju favur il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd, anke jekk il-Front Polisario, kif ukoll partijiet oħra, irrifjutaw li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni minħabba raġunijiet ta' prinċipju,

(12) Dawk li rrifjutaw li jieħdu sehem ċaħdu l-applikazzjoni tal-Ftehim u l-Protokoll tiegħu għall-ilmijiet 'il barra mis-Saħara tal-Punent, billi essenzjalment huma kkunsidraw li ftehim bħal dan jikkonferma l-pożizzjoni tal-Marokk fir-rigward tat-territorju tas-Saħara tal-Punent. Madankollu, fit-termini ta' dak il-Ftehim, xejn ma jippermetti li jitqies li dan jirrikonoxxi s-sovranità jew id-drittijiet sovrani tal-Marokk fir-rigward tas-Saħara tal-Punent u l-ilmijiet tal-madwar. Permezz ta' sforzi msaħħa, l-Unjoni se tkompli tappoġġa l-proċess ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwima mibdi u li qed jitkompla taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti,

(13) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/.../xxx[10], il-Ftehim ġdid dwar is-Sajd, il-Protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tiegħu u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim, ġew iffirmati fi [daħħal id-data tal-firma], soġġetta għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim u dan il-Protokoll f'data aktar tard,

(14) Il-Ftehim dwar is-sajd, il-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim, jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni,

(15) L-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd jistabbilixxi l-Kumitat Konġut responsabbli għall-kontroll tal-applikazzjoni tiegħu. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta l-emendi tal-Protokoll ta' implimentazzjoni, skont l-Artikolu 13(3) tal-Ftehim dwar is-Sajd. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li, soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tapprova dawn l-emendi skont proċedura simplifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, il-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim huma approvati f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim dwar is-sajd, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu, kif ukoll tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanaw dan il-Ftehim, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness I.

*Artikolu 2*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill, f'isem l-Unjoni, għandu jibgħat in-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Ftehim u fl-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[10] ĠU L , , p. .

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja il-Ftehim.

### 1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB[11]

11 – Affarijiet Marittimi u Sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obbligatorji għal organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ftehimiet tas-sajd sostenibbli

11.03.01 - Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[12]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

#### *1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli mal-pajjiżi terzi jissodisfaw l-għan ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għaż-żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jiżguraw ukoll konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji li jsiru f'politiki oħra Ewropej (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, kif ukoll governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

#### *1.4.2. Għanijiet speċifiċi u attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru

